MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1126/2005

Enrico Borg
vs
Ronald Azzopardi, Mariella Azzopardi, Crown Hotels Ltd., Sovereign Hotels Ltd., Sovereign Caterers Ltd. u HD Holdings Ltd.

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ppremetta:

Illi bi skrittura privata tal-14 ta’ Marzu, 2005 (kopja taghha giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. A) il-konvenuti kienu kkostitwixxew irwiehhom veri, certi u likwidi a favur ta’ l-attur fis-somma ta’ Lm20,000 rapprezentanti flus li l-attur kien silef lill-konvenuti brevi manu f’diversi okkazjonijiet, liema somma l-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom kienu obbligaw irwiehhom li jhallsu lill-attur flimkien mal-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-istess

skrittura f'ghoxrin pagament ta' mill-inqas Lm1,000 fix-xahar bl-ewwel pagament fil-31 ta' Marzu, 2005;

Illi ai termini tal-istess skrittura f'kaz li d-debituri jkunu naqsu milli jaghmlu pagament wiehed fid-data meta l-istess pagament kellu jsir huma jkunu ddekadew ipso jure mill-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu flimkien mal-imghax kien isir talvolta dovut u awtomatikament ezigibbli fl-intier tieghu;

Illi mill-14 ta' Marzu 2005, id-data tal-imsemmija skrittura privata, sal-gurnata tal-prezentata ta' dan l-att il-konvenuti kienu hallsu Lm5563.82 akkont, li kienu gew imputati l-ewwel ghall-imghax u mbaghad ghas-sorte u ghalhekk il-bilanc komplessiv dovut mill-konvenuti lill-attur kien ta' Lm15,208.18, oltre l-imghax dekorribbli mill-1 ta' Settembru, 2005;

Illi l-konvenuti kienu naqsu milli jaghmlu aktar minn pagament mensili fil-hin u ghalhekk a tenur tal-iskrittura fuq imsemmija huma kienu ddekadew mill-beneficcju tat-terminu;

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu stipulat fl-iskrittura tal-14 ta' Marzu 2005 billi naqsu milli jhallsu bir-rati mensili kif pattwit;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' Lm15,208.18.

Bl-interessi tat-8% dekorribbli mill-1 ta' Settembru, 2005 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2005 u l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi, ipprezentat kontestwalment mac-citazzjoni, kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-attur kontra l-konvenut, individwalment u solidalment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-attur.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.

Rat illi llum Dr. Robert Tufigno pprezenta nota li biha rrinunzja ghat-talba limitatament fil-konfront ta' HD Holdings Ltd.

Rat illi l-konvenuti Ronald Azzopardi, Mariella Azzopardi, Crown Hotels Ltd., Sovereign Hotels Ltd. u Sovereign Caterers Ltd. baqghu kontumaci ghalkemm debitament notifikati.

Semghet bil-gurament lil Enrico Borg li kkonferma li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni 'l hawn hadd mill-konvenuti ma hallsu ebda ammont u ghalhekk ikkonferma dak li qal fid-dikjarazzjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talbiet attrici jidhru gustifikati, u peress li hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, il-Qorti qed tilqa' l-istess talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuti hlief ghal HD Holdings Ltd iddekadew mill-beneficcju tat-terminu stipulat fl-iskrittura tal-14 ta' Marzu 2005 billi naqsu milli jhallsu bir-rati mensili kif pattwit. Tikkundanna lill-konvenuti hlief ghal HD Holdings Ltd ihallsu lill-attur flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' Lm15,208.18, bl-interessi tat-8% dekorribbli mill-1 ta' Settembru, 2005 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti hlief ghal HD Holdings Ltd.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------